MALTA

# QORTI CIVILI PRIM AWLA (SEDE KOSTITUZZJONALI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF VALENZIA GEOFFREY

Seduta ta' 16 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 550/1996/1

**Pawlu Azzopardi f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' Paparukei Catering Limited**

**Vs**

**Ministru tal-Politika Socjali; Segretarju Parlamentari ghas-Sahha Publika; Ministru ta' l-Intern; Il-Prim Ministru; Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ispetturi tal-Pulizija Carmel Bartolo personalment u Direttur tas-Sahha Pubblika**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors** li bih l-esponent ippremetta illi huwa jgawdi licenzja minghand l-intimat Kummissarju tal-Pulizija biex jopera n-negozju tieghu f'isem is-socjeta' Paparukei

Catering Limited li tinsab gewwa 116, Stuart Street, il-Gzira;

Illi fis-sitta (6) ta' Gunju, 1996, l-esponent inghata ordni mill-intimat Spettur tal-Pulizija Carmel Bartolo fil-presenza t'ufficjali tad-Dipartiment tas-Sahha biex jaghlaq il-post licenzjat imsemmi u dan ghaliex gie allegat li xi ikel provdut mill-esponent ma huwiex tajjeb ghal konsum tal-bniedem;

Illi fl-istess gurnata u cioe' is-sitta (6) ta' Gunju 1996, l-intimat direttur tas-Sahha Pubblika pprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex jinstema' il-kaz b'urgenza kontra l-esponent peress li skond l-istess Direttur tas-Sahha Pubblika kien a konjizzjoni li fid-disgha (9) ta' Gunju. 1996, kienu sa jsiru ricevimenti fejn l-ikel ser jigi pprovdut mill-istess esponent pro et nomine;

Illi l-esponent gie moghti jumejn (2) zmien ghar-risposta tar-rikors tad-Direttur tas-Sahha Pubblika, liema risposta huwa pprezenta l-ghada stess fis-sebgha (7) ta' Gunju. 1996, fejn il-Qorti qablet mar-risposta ta' l-esponent li ma kienx hemm lok ta' urgenza u wkoll il-Qorti giet mitluba biex tigi ndikata lid-Direttur tas-Sahha Pubblika li kellu wkoll rimedju skond il-ligi biex jizgura li l-ikel provdut huwa tajjeb u dan kif indikata fl-istess procedura stabilita skond il-ligi u dan kif provdut fl-artikolu 19 tal-Kap 231 tal-Ligijiet ta' Malta li tghid "Jekk xi ufficjal awtorizzat ikollu raguni bizzejjed jissuspetta li xi hwejjeg ta' l-ikel, li minnhom ikun ha kampjun skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, x'aktarx igibu avvelinament ta' l-ikel jew xi marda li tittiehed mill-bniedem, hu jista' jwissi lill-persuna nkarigata minn dawk il-hwejjeg ta' l-ikel li ma thallix li dak l-ikel, jew xi parti specifikata minnu, jintuza ghall-konsum mill-bniedem u, sakemm isir l-istharrig mehtieg, li ma tnehhix minn fejn ikunu dawk il-hwejjeg ta' l-ikel jew dik il-parti specifikata minnhom minghajr l-awtorita' ta' l-imsemmi ufficjal", liema rimedju d-Direttur tas-Sahha Pubblika mar oltre minn dak li ttih il-ligi, u sahansitra ta' ordni biex dan il-post jigi maghluq liema ordni giet esegwita' mill-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-ispettur tal-Pulizija Carmel Bartolo;

Illi l-Qorti tal-Magistrati wara li l-esponent gie akkuzat taht arrest bl-imputazzjonijiet kif indikat fid-dokument ‘C’ gie moghti l-liberta’ provizorja, u wara l-Qorti giet mitluba biex taghti direttiva taghha dwar dak rikjest fir-risposta ta’ l-esponent dwar din l-ordni abusiva u llecita’ ta’ l-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Spettur Carmel Bartolo u Direttur tas-Sahha Pubblika kif indikata wkoll fid-dokument “D”, fejn indikat lill-esponent biex “f’temp ta’ gimgha d-difiza tiehu dawk il-passi necessarji sabiex tmexxi l-kawza kostituzzjonali liema perjodu jibda jghodd mill-lum” u cioe’ is-sebgha (7) ta’ Gunju 1996;

Illi peress li l-kawza kontra l-esponent il-Qorti ma sabet l-ebda urgenza ghas-smiegh taghha u li ghandha tigi mismugha bil-procedura normali bhal kawza l-ohra tad-distrett u li peress li l-intimat Direttur tas-Sahha Pubblika ilu jaghmel l-istharrig tieghu mit-tlieta (3) ta’ Gunju, 1996 biex jipprova jistabbilixxi jekk jezistiex jew le xi tip ta’ avvelinament ta’ l-ikel liema investigazzjoni sa llum stess tnax (12) ta’ Gunju, 1996 ghadhom ma humiex konkluzi;

Illi peress ghalhekk la darba ma hemmx sentenza tal-Qorti wara process skond il-ligi fejn l-esponent gie misjub hati u li l-istess Qorti tista’ allura tordna s-sospenzjoni tal-licenzja tieghu kif jindika l-istess Kap 231 tal-ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-ordni tas-sitta ta’ Gunju, 1996 li l-esponent jigi mizmum milli jkompli jopera l-licenzja tieghu liema ordni hija llegali, mhux bazata fuq dritt u li jmur kontra l-istess Kostituzjoni ta’ Malta u wkoll l-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn hadd ma jista’ jimponi xi forma ta’ piena permezz ta’ kull forma ta’ ordni jekk mhux meta mposta mill-Qorti jew minn xi awtorita’ kif moghtija dak id-dritt skond il-ligi;

Ghaldaqstant l-esponent pro et nomine jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikkjara li l-agir ta’ l-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Spettur Carmelo Bartolo u d-Direttur tas-Sahha Pubblika, liema agir ghadu in vigore sa llum stess tnax (12) ta’ Gunju 1996, jikkostitwixxi ksur ta’ l-istess Kostituzzjoni ta’ Malta in partikolari l-artikolu 39 ta’ l-istess Kostituzzjoni ta’ Malta u wkoll il-Kap 319 tal-Ligijiet

ta’ Malta, u wkoll jitlob li jigi kompensat ghad-danni li gie rekat lilu b’dan l-agir u ordni illecita u abbusiva u taghti wkoll kwalunkwe provedimenti li thoss necessarja.

Rat ir-**risposta ta’ l-Intimati** a fol. 14 tal-process fejn esponew bir-rispett:

Illi, preliminarjament, il-Prim Ministru, il-Ministru tal-Politika Socjali, is-Segretarju Parlamentari ghas-Sahha, l-Ministru ta’ l-Intern, u l-Ispettur tal-Pulizija Carmel Bartolo personalment, m’humiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet tar-rikorrent u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni hija karenti minn fondament guridiku stante li l-mizura ta’ sospensjoni temporaneja ta’ l-attivita ta’ maniffattura ta’ hwejjeg ta’ l-ikel fl-istabbiliment ta’ l-attur fil-fond 116, Stuart Street, Gzira saret wara li nqalghu kwantita’ konsiderevoli ta’ kazijiet ta’ avvelenament mill-ikel fuq persuni li kienu ikkonsmaw ikel provdut mill-attur u mill-istess stabbiliment.

Tali sospensjoni ma tikkostitwix piena jew kastig m’hux impost mill-Qorti jew awtorita’ ohra gudikanti izda hija biss mizura preventiva temporaneja u ta’ natura amministrattiva mehuda kif kien necessarju bhala pass immedjat ghall-protezzjoni tas-Sahha Pubblika.

Din il-mizura ittiehdet skond il-ligi u f’dan ir-rigward l-esponenti jaghmlu referenza ghad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha (Kap 31), ta’ l-Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard (Kap 36), ta’ l-Att dwar Hwejjeg ta’ l-Ikel, Medicinali u Ilma tax-Xorb (Kap 231), u l-Avviz Legali 73 ta’ l-1969.

L-istess mizura kienet ukoll proporzjonata ghac-cirkostanzi illi dwarhom ittiehdet u ma taghti lok ghal ebda vjolazzjoni ta’ drittijiet tar-rikorrent.

Rat il-verbal a fol. 16 li bih ir-rikorrent ceda l-atti tar-rikors fil-konfront tal-Prim Ministru, Segretarju Parlamentari tas-Sahha, Ministru ta’ l-Intern, Ministru tal-Politika Socjali u zamm ferm it-talba tieghu fil-konfront ta’ li Spettur Bartolo u l-intimati l-ohra, Kummissarju tal-Pulizija u Direttur tas-Sahha Pubblika;

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi d-difensuri ta’ l-intimati, waqt it-trattazzjoni, ssollevaw il-punt li r-rikorrent kellu r-rimedju ordinarju billi setgha jistiwixxi kawza ghal danni u mhux mill-ewwel jaghmel kawza kostituzzjonali.

Fuq dana l-punt jigi rilevat li fir-risposta ta’ l-intimati ma giet sollevata ebda eccezzjoni f’dan is-sens, u r-rikors ipproceda ghal sitt snin bla ma huma ssollevaw dina l-kontestazzjoni u l-Qorti fehemet li l-partijiet kienu qed jittrattaw il-mertu biss.

Ghalhekk stante li dana l-punt tqajjem biss issa waqt it-trattazzjoni finali, l-Qorti tiddeciedi li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tieghu.

Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et deciza fil-5 ta' April, 1991 (Vol LXXV Pt.1-11 Sez 1 pag.106: "Minn ezami akkurat tas-subinciz (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 jidher car li l-legislatur Malti ma riedx li jistabbilixxi bhala principju assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna li qabel ma' persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, ghandha dejjem u tassattivament tesawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taht il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunx ragjonevolment mistenni li jipprovdu rimedju effettiv”.

**Fil-mertu.**

**FATTI**

Il-kronologija tal-fatti kif graw hi brevement hekk:

Fit-2 ta’ Gunju, 1996 sar maghruf mill-Isptar u mir-rapporti tan-nies involuti li kien hemm nies effettwati mill *food poisoning*. Kien hemm 24 riceviment fejn ir-rikorrent ipprovvda l-ikel u li minn dawn f’15 minnhom irrizulta li kien hemm *food poisoning*. It-total ta’ nies effettwati kien fuq il 200. Dawn in-nies iddahhlu l-Isptar ibatu mis-salmonella (ara xhieda ta’ D. Falzon u J. Cilia.)

Inbdew l-investigazzjonijiet u fl-4 ta’ Gunju, 1996 xi 1.45pm marret Miriam Grech ma Grezzju Agius jaghmlu *inspection* fil-post tar-rikorrent u ghamlu rapport ta’ nuqqasijiet li sabu u hadu *samples* li baghtuhom il-laboratorju. Huma qalu lir-rikorrent biex jirranga dawn in-nuqqasijiet. Dak in-nhar Grezzju Agius kien ta’ l-ordni lir-rikorrent biex jaghlaq (ara r-rapport Dok MG fol. 429-432). Ir-rikorrent pero’ m’ghalaqx.

Fil-5 ta’ Gunju, 1996 rega’ marru Miriam Grech, Horace Micallef u Grezzju Agius. Hadu kampjuni ohra fuq talba tar-rikorrent. Ir-rikorrent kien naddaf xi affarijiet zghar biss u rega’ qalulu biex jirranga. Ir-rikorrent kien ghadu qed jahdem u ma kienx ghalaq.

Fis-6 ta’ Gunju, 1996 Grezzju Agius mar ma zewg pulizija u ghalqu l-post. L-ispettur Bartolo ma kienx hemm. Ir-rikorrent u l-haddiema kienu gewwa jippreparaw xi ikel. Il-hanut imbaghad inghalaq definittivament dakinnhar.

Fl-10 ta’ Gunju, 1996 regghet marret Miriam Grech ma’ Horace Micallef, Grezzju Agius u Adrian Bonello u r-rikorrent kien irranga kwazi kollox, u kien baqghalu xi affarijiet zghar. Il-post kien ghadu maghluq.

Fil-11 ta’ Gunju, kienu ittiehdu xi kampjuni ohra u fit-12 ta’ Gunju kellhom ir-rizultat li kien positiv (fol. 407).

Fl-14 ta'Gunju, 1996 ir-rikorrent inghata l-ordni biex jiftah u fil-fatt rega' fetah.

**Kontestazzjoni**

Ir-rikorrent qed jikkontesta l-ordni li kienet inghatat biex hu jaghlaq il-hanut u qed isostni li minhabba dina l-ordni hu sofra danni.

Ir-rikorrent qed isostni li d-Direttur tas-Sahha Pubblika kellu rimedju skond il-ligi (art 19 tal-Kap 231) izda dana mar oltre minn dak li ttih il-ligi, u sahansitra ta' ordni biex dan il-post jigi maghluq liema ordni giet ezegwita mill-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Ispettur tal-Pulizija Carmel Bartolo.

**Tikkunsidra**

**Ordni biex jinghalaq il-post**

**Awtorita' tas-Sanita'**

Dwar in-necessita' ta' l-ordni biex jinghalaq il-post, xehdu Dr. Falzon u J. Cilia. Huma qed isostnu li l-ordni kienet necessarja billi r-rikorrent kellu diversi nuqqasijiet fil-post u l-post kellu jinzamm maghluq sakemm ir-rikorrent jirranga n-nuqqasijiet li kellu. Inoltre kien necessarju li sakemm isir l-ezami fuq il-haddiema, li setghu kienu *carriers* jew kontaminati, dawn ma jibqghux jahdmu fil-hanut. Naturalment sakemm huma kienu qed jistennew ir-rizultati tal-kampjuni huma ma setghux ihallu lir-rikorrent ikompli jahdem u jqassam l-ikel. L-ordni taghhom kienet li jaghlaq il-kcina u mhux il-hanut u huma kienu ghamlu minn kollox biex jilhqu arrangament amikevoli mar-rikorrent qabel idahhlu lill-pulizija izda r-rikorrent kellu ordnijiet lesti u mahduma u ma riedx jaghlaq.

Dr. Dennis Falzon, Supretendent tas-Sahha, xehed li minhabba li kien hemm numru ta' deficenzji fil-post, dan kellu jinzamm maghluq sakemm isir ix-xoghol necessarju. Huma kellhom izommu l-post maghluq minhabba li riedu

jaghmlu investigazzjonijiet fuq il-persuni li kienu qeghdin jahdmu fuq il-post, billi setghu kienu *carriers* tas-salmonella (fol. 55). Hu ma setghax ihalli l-post jahdem bl-impjegati li kienu qed jigu ttestjati (fol. 56). Minghalih li hu kien issuggerixxa lir-rikorrent li jgib *workforce* ohra biex jkompli jahdem u anke taw lir-rikorrent *chance* li jirranga u mhux dahhlu lill Pulizija mill-ewwel. Ir-rikorrent pero’ ma xtaqx jaghlaq il-post ghax kellu certu ordnijiet mahdumin. Ghalhekk kellhom jirrikorrughall pulizija biex jaghlqu il-post. Qabel dina l-okkazzjoni huma qatt ma kellhom kaz gravi daqs dan li effettwa tant nies. Hadu l-kaz aktar bis-serjeta’ billi kienu kazi ta’ Maltin u Ghawdxin li huma mdorrijin ghall dan it-tip ta’ ikel mhux bhat turisti (fol. 58). Huma kienu talbu lir-rikorrent biex jaghlaq il-post fejn kellu d-deficjenzi u mhux il-hanut fejn kien qed ibiegh.

Joseph Cilia - Health Inspector - xehed li kellhom diversi rapporti ta’ *food poisoning* li s-*source* taghhom kien il-post tar-rikorrent. Minhabba dawn il-kazijiet rappurtati u l-ikel li kien ser jitqassam fil-*weekend*, hassew li kien hemm il-perikolu. Ghalhekk qalu lir-rikorrent biex jaghlaq u kienu talbu l-assistenza tal-pulizija. Huma taw l-ordni li jinghalaq il-post fejn isir l-ikel, mhux il-parti fejn hemm il-hanut. Huma kienu spjegaw lil l-Ispettur Bartolo l-kaz, ghaliex deherilhom li kellu jinghalaq u qalulu biex jaghlaq fejn qed isir il-manifattura. Huma kienu fi trattattivi mar-rikorrent li meta jirranga d-deficenzi li kellu, seta’ jkompli jahdem. Huma jaghlqu l-postijiet skond il-kaz. Billi dan il-kaz kien speci ta’ epidemija, iddecidew li jaghlqu l-post. Meta mbaghad ir-rikorrent irranga l-lokal u r-rizultati kienu hargu, huma tawh l-ordni biex jerga jiftah. L-ispettur Bartolo kien ha passi fuq talba taghhom u esegwixxa l-ordnijiet taghhom.

### Spettur Carmel Bartolo

Kwantu ghall sehem l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u ta’ l’Ispettur Carmelo Bartolo jirrizulta mill provi li dan ta’ l-ahhar ma kienx taha l-ordni biex jinghalaq il-post. Hu kien gie imsejjah mis-superjuri tieghu biex imur jassisti lill tas-Sanita’ biex izomm il-bon ordni.

L-ispettur xehed li meta huwa gie nfurmat bil-kaz, l-ordni biex jinghalaq il-hanut kienet diga inghatat. Tas-Sanita' riedu li l-hanut jibqa' maghluq u riedu jressqu lill rikorrent il-Qorti b'urgenza. Hu qal li fl-ebda hin ma taha ordni biex il-hanut jinghalaq. L-ordni kien taha Dr. Falzon. Hu kien semplicement gie mitlub biex jassisti lill tas-Sanita' ghall bon ordni, u fl-ebda hin biex jaghlaq il-hanut. Tant hu hekk li meta rega fetah lanqas kien biss gie infurmat.

Fuq is-sehem tal-pulizija xehdu wkoll l-Ispettur Peter Cordina u l-ex Kummissarju tal-Pulizija Joseph Psaila.

L-ex Assistent Kummissarju Joseph Psaila, li xehed mill-memorja u mhux minn fuq id-dokumenti jew notamenti li kellu, qal li kienu l-awtoritajiet tas-Sanita' li kienu esigew li jinghalaq il-hanut u hu qatt ma ta ordni biex jinghalaq il-hanut. Izda meta xehed l'Ispettur Peter Cordina li kien gie imqabbad minn Psaila biex jassisti lill tas-Sanita' fuq il-post sakemm jinstab l-Ispettur tad-distrett ta' tas-Sliema, dan qal li ghalqu l-post xi hin kmieni wara nofs in-nhar. L-ordni kien tahielu l-ex Assistent Kummissarju Psaila. Dan kien qallu li tas-Sanita' riedu li l-post jinghalaq. Hu rega' rrepeta li d-decizjoni li jinghalaq il-hanut mhux hu hadha izda hu kien esegwixxa l-ordnijiet li tah is-sur Psaila (fol. 81). Hu kien mar fuq il-post u ha n-nies tieghu u ghalaq il-post. Imbaghad wara kien taha l-*hand over* lill-Ispettur ta' Tas-Sliema, l-Ispettur Bartolo.

**Tikkunsidra**

Kwantu ghar-responsabilita' ta' l-Ispettur Carmelo Bartolo jirrizulta li meta hu dahal fix-xena l-ordni biex jinghalaq il-post kienet diga inghatat (Spettur Peter Cordina u l- ex Assistent Kummisarju Joseph Psaila) u hu kien gie infurmat bid-decizjoni li kienet ittiehdet u ghaliex hu kellu jara li r-rikorrent jobdi dik l-ordni.

Id-decizjoni li jaghlqu l-kcina tar-rikorrent giet mill-awtoritajiet sanitarji u giet esegwita' tramite l-Pulizija, cioe' l-ex-Assistent Kummissarju J. Psaila u l-Ispettur Peter Cordina.

L-awtoritajiet tas-Sanita' kienu iddecidew li l-kaz kien gravi bizzejjed li jimmerta dina l-mizura cioe' li jinghalaq il-post. Pero' dina l-ordni biex jinghalaq il-post fejn kienet qed issir attivita' ta' manifattura ta' hwejjeg ta' l-ikel fl-istabiliment tar-rikorrent kienet mizura temporanjament u limitata ghall kcina u mhux il-hanut. Dina kienet mizura biex tigi protetta s-sahha pubblika u ghalhekk ma tistax titqies bhala xi kastig jew piena li mhiex imposta mill-ligi.

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi prodotti tasal ghall konkluzzjoni li dina l-mizura kienet wahda preventiva, temporanja u necessarja - (ara xhieda ta' Dr. Falzon u J. Cilia) u dana minhabba l-gravita' tal-kaz, cioe' kwazi epidemja u b'aktar minn 200 persuna nvoluta.

Skond il- **Kap 231 Art 10.** (1) Ebda persuna ma tista' tipprepara, tikkonserva, tippakkja, izzomm jew tahzen ghall-bejgh ghall-konsum mill-bniedem xi hwejjeg ta' l-ikel taht kondizzjonijiet mhux sanitarji. (2) Ebda pesuna ma ghandha tuza fil-preparazzjoni, konservazzjoni, ippakkjar, tizmim, hazna jew bejgh ta' hwejjeg ta' l-ikel mahsuba ghall-konsum mill-bniedem xi apparat, taghmir, imhafen, imwiezen jew utensili, skond il-kaz, li ma jkunux nodfa bizzejjed jew li jistghu jaghtu lil dawk il-hwejjeg ta' l-ikel xi sustanza velenuza jew ta' hsara. Il-licenzja li wiehed ikollu mhux qeghdha hemm biex tavvelena lin-nies.

Skond il **Kap 36 Art 13.** (1) Meta s-Supritendent ikollu raguni jissuspetta li persuna tista' xxerred mard huwa jista', b'ordni, jirrestringi l-moviment ta' dik il-persuna jew jissospendiha milli tattendi ghax-xoghol taghha ghal perijodu ta' mhux izjed minn erba' gimghat, liema perijodu jista' jigi mtawwal sa ghaxar gimghat sabiex jigu finalizzati dawk l-ezamijiet mikrobijologici li jistghu jkunu mehtiega.

Is-Supritendent tas-Sahha ghandu l-obbligu li jiehu mizuri bhal dawn imsemmija biex jipprotegi s-sahha pubblika li tohrog minn diversi ligijiet bhal Kap 36 u 231 fuq imsemmija.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Awtoritajiet tas-Sanita’ ma kkommettew ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrent.

**Agir Diskriminatorju**

Kwantu ghall allegat agir diskriminatorju ta’ l-awtoritajiet fil-konfront tar-rikorrent, il-Qorti tirrileva li fir-rikors promotorju ma hemmx ilment f’dan is-sens u lanqas talba biex jinstab ksur tal-Kostituzzjoni taht dana l-aspett. Imma anke kieku mill-provi prodotti jirrizulta li l-awtoritajiet qatt ma kellhom kaz simili fil-gravita u fin-numru ta’ nies milqughin bhal dak tar-rikorrent u ghalhekk ma jistax jinghad li l-awtoritajiet imxew mar-rikorrent mod u ma haddiehor mod differenti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba tar-rikorrent
bl-ispejjez kontra tieghu.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**